## HABAKUK

*Mhux il-lum ġie f'ras il-bniedem*
*Ġiri x-xwieni milbutin*
*Fl-ibħra kbar li donnhom vleġġa,*
*Bħar-riħ j'ġru maħrubin.*

*L-ajruplan jiġri w jittajjar*
*Qabel Kristu bosta snin*
*Iżjed minn xi ħames mija*
*U madwar tlieta u ħamsin*

*Jiena rajt l-Abakuk fuqu,*
*Bl-akbar ħeffa qed itir;*
*Se'r inewwel lil Danjeli*
*Borma f'idu bit-tisjir,*

*Li kien Dan mixħut mad-driebes*
*Hiemda miegħu ġewwa foss;*
*U ħafif iżjed mill-ajkli*
*Qe'd jittajjar mingħajr ħoss,*

*Għal fuq l-art ta' Babilonja,*
*U minn hemm lura mar bih,*
*Minn fejn rikkbu w fl-ogħla sema,*
*Jaqta' w jofroq sħab u riħ.*

R. M. B.

---

## IL-MADALENA

*Kien donnu l-lejl: fid-dalma l-art titriegħed*
*Bdiet tibża' tidher taħt il-baħħ tas-sema*
*Mgħottija w kerha, bis-sħab kbir li ngema'*
*Fi ftit tal-ħin: u beda l-ajru jriegħed.*

*In-nies imwerwra ħarset lejn id-dmija*
*Li kien hemm fl-art: u ġriet biex titlob ħniena*
*Fil-Maqdes Kbir, tistenna hemm ħosbiena*
*Li tgħaddi s-siegħa fuq kulħadd waħxija.*

*Waqa' skiet kbir fuq l-Għolja tal-Moħqrija*
*W ma kien hemm ħadd hlief, tibki kollha ndiema.*
*Il-Madalena, t-tfajla tas-sbuħija:*

*B'xagħarha sabiħ, tixxotta d-dmugħ tal-ħtija*
*F'talba minn qalbha lill-Mulej għas-sliema*
*U ħelsa mid-dnubiet kollha mgħoddija.*

A. Zammit Gabarretta.
(Student, Kors tal-Letteratura)